# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025**

**Numru 13**

**Rikors numru 1052/2021/1AD**

**Anton Micallef u David Micallef; b'digriet tat-2 ta' Marzu 2022 l-atti ġew trasfużi f'isem Melina Micallef *stante* l-mewt ta' żewġha l-attur Anton Micallef**

**v.**

**Mary Anne *sive* Miriam Micallef[1] u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2025 Dr. Thomas Barbara Sant inħatar kuratur biex jirrappreżenta lill-appellanti Mary Anne *sive* Miriam Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-konvenuta Mary Anne *sive* Miriam Micallef kontra deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Novembru, 2022 li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tal-konvenuta sabiex tiġġustifika l-

[1] Fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2025, din il-Qorti ordnat li jinħatar kuratur biex jirrappreżenta l-interessi tal-appellanti b'riħet l-**Artikolu 929(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Permezz ta' nota tat-3 ta' Marzu, 2025, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunal għarraf lil din il-Qorti li Dr Thomas Barbara Sant kien l-avukat li jmissu t-*turn*.

kontumaċja tagħha; kif ukoll appell kontra sentenza finali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Mejju, 2023, li permezz tagħha ġie deċiż: (i) li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt għall-wirt tal-ġenituri tagħha; (ii) li l-atturi huma l-eredi universali tal-ġenituri tagħhom Paul Micallef u Carmela Micallef; u (iii) li l-konvenuta għandha tingħata l-użufrutt tad-dar bl-isem *Blue Gardenia*, ġewwa C. De Brockdorff Street, l-Imsida għal ħajjitha kollha; u għandha l-jedd għall-porzjoni riżervata li tmiss lilha mil-liġi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-25 ta' Ottubru, 2021, l-atturi fissru li l-partijiet huma wlied Paul Micallef li miet fis-6 ta' Jannar 2007 u ta' Carmela Micallef li mietet fit-23 ta' Marzu 2015.

3. Ifissru li l-wirt tal-ġenituri tagħhom huwa regolat permezz ta' testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara tal-15 ta' Ġunju 2004. Isemmu li skont is-sitt artikolu ta' dan it-testment, it-testaturi ħatru: *«bħala werrieta universali tagħhom, padruni assoluti tal-assi ereditarji taghhom lil uliedhom kollha mitwielda miż-żwieġ tagħhom ta' bejniethom, bis-sostituzzjoni ta' wlied u dixxendenti f'każ ta' premorjenza ta' xi wieħed mill-werrieta, u fin-nuqqas ta' dixxendenti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.»*

4. L-atturi jirreferu wkoll għall-artikolu sebgħa (7) tal-istess testment li jgħid hekk: *«It-Testaturi jridu u jordnaw illi jekk xi wieħed mill-werrieta jonqos milli*

*jimmetti minnufih lis-superstiti fost it-testaturi fil-legati reċiproċi mħollija mill-istess testaturi fl-ewwel artikolu ta' dan it-testment,* ***jew b'xi mod jew ieħor juri li ma jkunx irid joqgħod għax-xewqat tat-testaturi, kif hawn imfissra, allura dan il-werriet li jkun hekk naqas, jitlef kull dritt u benefiċċju minn dan it-testment, u jieħu biss il-leġittima****, b'dan illi f'kull każ, Miriam Micallef ma tkun tista' titlef qatt il-legat imħolli għaf-favur tagħha fit-tieni artikolu ta' dan it-testment, u ċjoè l-użufrutt tad-dar tar-residenza tagħhom, jiġifieri d-dar tat-testaturi li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha mill-għatba l-ġewwa, kompriżi jiġifieri l-effetti mobbli fl-istess dar, però esklużi minn dan il-prelegat il-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar.»*

5. L-atturi jirreferu wkoll għat-tmien (8) artikolu tal-imsemmi testment li jistipula ċar illi l-konvenuta kienet obbligata tikkoopera ma' ħutha l-atturi waqt il-qsim u/jew bejgħ/trasferiment tal-proprjetà l-oħra kollha li ser titħalla lilhom mit-testaturi.

6. Jissoktaw jgħidu li sal-lum għad ma sarx il-qsim tal-wirt tat-testaturi ġenituri tal-partijiet, minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni assoluta min-naħa tal-konvenuta u dan minkejja l-fatt li dejjem ingħatat kull informazzjoni mitluba minnha dwar il-ġestjoni u amministrazzjoni tal-flus bankarji u investimenti oħra u ngħatat kull għajnuna minn ħutha kif maħsub fl-istess testment.

7. L-atturi jgħidu li l-konvenuta ilha tokkupa l-fondi msemmija fit-testment, b'dan illi però l-kontijiet tad-dawl u ilma u servizzi oħra għadhom s'issa jgħajjtu lit-testatur Paul Micallef. Jissoktaw jgħidu li dawn il-fondi qegħdin jinżammu mill-konvenuta fi stat traskurat immens u saħansitra mhijiex qed tħallas il-kontijiet pendenti ta' dawl u ilma. Dan bil-konsegwenza illi b'din l-imġiba tal-konvenuta huma qegħdin iġarrbu dannu serju billi qiegħed jonqos il-valur tal-assi ereditarji.

8. Barra minn hekk, l-atturi jsostnu li bil-mogħdija taż-żmien u n-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-konvenuta, il-valur tal-flus u investimenti mħollija mit-testaturi qiegħed dejjem jonqos u huma qegħdin jiġu mċaħħda mid-dritt li jieħdu dak li ħaqqhom skont it-testment. Din l-imġiba tal-konvenuta tmur kontra t-tmien artikolu tat-testment u għalhekk b'riħet is-seba' artikolu tal-istess testment, huma biss għandhom ikun l-werrieta tal-ġenituri tagħhom fi kwoti ndaqs bejniethom.

9. Kien għalhekk li l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«i. Tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt għall-wirt tal-ġenituri tagħha Paul Micallef u Carmela Micallef stante li ma qagħditx għall-kundizzjonijiet imposti fit-testment unica charta magħmul minnhom fil-15 ta' Ġunju 2004 fl-atti tan-nutar Dr Ivan Barbara;*
>
> *ii.Tiddikjara illi l-eredi universali ta' Paul Micallef u Carmela Micallef huma biss l-atturi David Micallef u Anton Micallef, u tagħtihom il-fakultajiet kollha neċessarji sabiex il-wirt jiġi likwidat u maqsum fi kwoti ndaqs bejniethom it-tnejn;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta».*

10. Mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ġiet notifikata personalment nhar it-18 ta' April, 2022 u li hija ma ressqet l-ebda risposta maħlufa.

11. Kien biss fit-13 ta' Ottubru, 2022 li l-konvenuta dehret għall-ewwel darba quddiem l-Ewwel Qorti. Fit-18 ta' Ottubru, 2022 hija ressqet rikors li permezz tiegħu talbet lill-Ewwel Qorti sabiex fis-seduta li kien imiss tingħata l-fakultà li tfisser bil-ġurament tagħha għaliex ma ressqitx risposta maħlufa fil-ħin u sabiex tingħata permess tippreżenta risposta mill-aktar fiss possibbli. L-atturi oġġezzjonaw għal din it-talba.

12. B'deċiżjoni tas-17 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba fuq imsemmija u ddikjarat lill-konvenuta li kienet fi stat ta' kontumaċja.

13. L-Ewwel Qorti ddeċidiet finalment din il-kawża b'sentenza tat-12 ta' Mejju, 2023 billi kkonkludiet li:

> *«(i)* ***Tilqa' l-ewwel talba*** *tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt għall-wirt tal-ġenituri tagħha Paul Micallef u Carmela Micallef stante illi ma qagħditx għall-kundizzjoni imposta fit-Tmien Artikolu tat-testment unica charta magħmul minnhom fil-14 ta' Ġunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara;*
>
> *(ii)* ***Tilqa' t-tieni talba*** *tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-eredi universali ta' Paul Micallef u Carmela Micallef huma biss l-atturi David Micallef u Anton Micallef, u tagħtihom għalhekk il-fakultajiet kollha neċessarji sabiex il-wirt jiġi likwidat u maqsum fi kwoti indaqs bejniethom it-tnejn, inkluż billi tinnomina għal dan il-għan lill-Avukat Dr Josette Grech bħala kuratriċi deputata sabiex tidher għall-eventwali kontumaċi tal-konvenuta skont kif meħtieġ;*
>
> *(iii) Għall-fini ta' kjarezza, tiddikjara illi l-konvenuta Miriam Micallef għandha: (a) tingħata l-użufrutt tad-dar li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi l-effetti mobbli fl-istess dar, però esklużi l-flus kontanti, kotba tal-bank,*

*dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar, u (b) tieħu l-porzjon riżervat spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha skont il-liġi, u ċjoè sehem wieħed minn disgħa (1/9).*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-konvenuta.»*

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

*«B. Il-Mertu tal-Kawża Odjerna*

*36.Il-kawża odjerna tirrigwarda d-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Paul u Carmela konjuġi Micallef, fit-testment unica charta pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju 2004. Id-dispożizzjonijiet relevanti huma s-segwenti:*

***It-Tieni Artikolu**: "It-testaturi jħallu b'titolu ta' prelegat, konsegwibbli wara l-mewt tagħhom it-tnejn, lit-tifla tagħhom Miriam Micallef, is-somma ta' tnax-il elf Lira Maltija (Lm 12,000), bis-sostituzzjoni ta' wlied u dixxendenti f'każ ta' premorjenza tal-legatarja għat-testaturi";*

***It-Tielet Artikolu**: "It-testaturi jħallu b'titolu ta' legat konsegwibbli wara l-mewt tagħhom it-tnejn, lit-tifla tagħhom Miriam Micallef, l-użufrutt tad-dar tar-residenza tagħhom, jiġifieri d-dar tat-testaturi li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi jiġifieri l-effetti mobbli fl-istess dar, però esklużi minn dan il-prelegat il-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar";*

**Il-Ħames Artikolu**: *"It-testaturi jħallu b'titolu ta' legat, konsegwibbli wara l-mewt tagħhom it-tnejn, lit-tifla tagħhom Miriam Micallef, id-deheb kollu li jkunu jipposjedu fil-ġurnata tal-mewt tagħhom"*;

***Is-Sitt Artikolu**: "It-testaturi, salv dak fuq ordnat, sejrin jaħtru bħala werrieta universali tagħhom, padruni assoluti tal-assi ereditarji tagħhom lil uliedhom kollha mitwielda minn dan iż-żwieġ tagħhom ta' bejniethom, u li huma tlieta, u ċjoè: Miriam Micallef, David Micallef u Anton Micallef, fi kwoti ndaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni ta' wlied u dixxendenti f'każ ta' premorjenza ta' xi wieħed mill-werrieta, u fin-nuqqas ta' dixxendenti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom";*

***Is-Seba' Artikolu**: "It-testaturi jridu u jordnaw illi jekk xi wieħed mill-werrieta jonqos milli jimmetti minnufih lis-superstiti fost it-testaturi fil-legati reċiproċi mħollija mill-istess testaturi fl-ewwel artikolu ta' dan it-testment, jew b'xi mod ieħor juri li ma jkunx irid joqgħod għax-xewqat tat-testaturi, kif hawn imfissra, allura dan il-werriet li jkun hekk naqas, jitlef kull dritt u benefiċċju minn dan it-testment, u jieħu biss il-leġittima, b'dan illi f'kull każ, Miriam Micallef ma tkun tista' titlef qatt il-legat imħolli għaf-favur tagħha fit-tieni artikolu ta' dan it-testment, u ċjoè l-użufrutt tad-dar tar-residenza tagħhom, jiġifieri d-dar tat-*

*testaturi li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia" f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi jiġifieri l-effetti mobbli fl-istess dar, però esklużi minn dan il-prelegat il-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar";*

***It-Tmien Artikolu**: "Hija x-xewqa espressa tat-testaturi li, wara l-mewt ta' l-istess testaturi, jirrenja spirtu ta' ko-operazzjoni u paċi bejn l-istess tfal tagħhom, fis-sens li David u Anton, aħwa Micallef, għandhom ikunu preżenti fil-ħajja ta' oħthom Miriam Micallef, filwaqt li jgħinuha f'dik li hi manutenzjoni ta' l-istess dar tat-testaturi li ser titħalla b'użufrutt lilha, u l-istess Miriam Micallef għandha tikkopera ma' ħutha l-oħra waqt il-qsim u/jew bejgħ / trasferiment tal-proprjetà l-oħra kollha li ser titħalla lilhom mit-testaturi"*;

***Id-Disa' Artikolu**: "It-testaturi finalment qegħdin jaħtru u jinnominaw bħala responsabbli mill-ġbir ta' kirjiet, dividends fuq shares u ċnus tagħhom lit-tfal tagħhom David Micallef u Anton Micallef, in solidum bejniethom, bl-obbligu li jagħtu rendikont annwali lil oħthom Miriam Micallef";*

……

*38. Hekk kif tajjeb isostnu r-rikorrenti, mid-disposizzjonijiet testamentarji hawn riprodotti, ir-rieda tat-testaturi hija ċara: huma riedu illi jkun hemm sens ta' koperazzjoni bejn l-aħwa, anke fil-qsim tal-wirt;*

*39. Sfortunatament, iżda, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw illi oħthom Miriam Micallef uriet illi ma riditx toqgħod għax-xewqat tat-testaturi, u dan billi konsistentement irrifjutat illi tikkopera sabiex issir il-qasma u jiġi kull wild immess fil-pussess ta' sehmu mill-wirt. Infatti: a. **David Micallef**, mistoqsi għalfejn qatt ma resqu għad-diviżjoni tal-wirt, jgħid, "Oħti Miriam, dejjem opponiet u xejn ma trid tiffirma, qatt ma kienet trid tipparteċipa magħna." Dwar il-kontijiet tal-bank tal-ġenituri tagħhom, ir-rikorrent jixhed, "Xejn baqgħu il-bank għax ma kienx hemm tiffirma hi, ma riditx, bla firem ma jsir xejn hux." Mistoqsi wkoll dwar jekk kienx hemm xi kuntatt mal-konvenuta da parti tar-rikorrenti sabiex issir id-diviżjoni, ir-rikorrent jgħid, "Kemm-il darba iva, anke biex biegħet il-post ta' Birżebbuġa dejjem topponi, le le."[2];*

*b. **Melina Micallef**, mistoqsija jekk kinitx taf xi ħaġa dwar il-wirt tal-kunjati tagħha, tgħid, "Ovvjament ifhimni tant kien hemm commotion jiġifieri li Miriam qatt ma kkoperat, ifhimni dejjem hemm dik il-kommossjoni li Miriam qatt ma kkoperat magħhom." Rigward il-kontijiet tad-dawl pendenti, tixhed, "[D]an kienet qaltilhom niftakar, sija lil David u sija lil Anton, li apposta mhix qed tħallashom il-kontijiet biex iħallsuhom huma jiġifieri l-aħwa, apposta għamlitha hekk biex, għax il-dan qiegħed fuq il-papà tagħhom bħala l-owner." Finalment, imbagħad, mistoqsija jekk il-konvenuta qattx tat xi raġuni għall-inadempjenza tagħha, Melina Micallef tgħid, "Le, sempliċement karattru tagħha, biex tgħidlek sempliċement le, il-karattru tagħha jiġifieri dejjem hekk kien, anke l-inqas sempliċement xi ħaġa sempliċi, argument, insulti, kif ħa naqbad nispjega?*

[2] *Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2022, a fol 48 et seq tal-proċess.*

*Theddid, anything, anke jekk ma nirrispondix it-telephone, tibda tgħajjar, lanqas hemm raġuni, ma hemmx raġuni valida."[3];*

*40. Mill-ammont ta' kontijiet ta' dawl u ilma illi għadhom ma tħallsux fuq il-post preżentament abitat mill-konvenuta, u mill-istatements esibiti in atti kemm tal-kontijiet bankarji kif ukoll t'ishma f'isem it-testaturi illi għadhom miftuħa, din il-Qorti hija konvinta illi dak illi qed jiġi sostnut mir-rikorrenti għandu jitwemmen, stante illi ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għalfejn il-partijiet ma jeħdux il-pass illi jagħlqu l-kontijiet kollha u jipproċedu sabiex kull wieħed minnhom jieħu sehmu, għajr per konsegwenza tan-nuqqas ta' koperazzjoni ta' xi wieħed jew waħda minnhom, kif jidher illi kien il-każ fil-każ odjern;*

*41. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu akkolti, b'dana illi:*

*a. Il-konvenuta Miriam Micallef tgawdi b'titlu ta' legat l-użufrutt tad-dar li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi l-effetti mobbli fl-istess dar, però esklużi l-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar;*

*b. Il-konvenuta Miriam Micallef tieħu l-porzjon riżervat spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha skont il-liġi, u ċjoè sehem wieħed minn disgħa (1/9);*

*c. David Micallef u Anton Micallef jiġu dikjarati l-eredi universali tal-ġenituri tagħhom, b'sehem Anton Micallef jgħaddi għand martu Melina Micallef, illi hija l-eredi tiegħu;*

*Dan peress illi jirriżulta lil din il-Qorti illi Miriam Micallef naqset milli toqgħod għax-xewqat tat-testaturi, u dan billi ma kkoperatx ma' ħutha waqt il-qsim u/jew bejgħ/trasferiment tal-proprjetà li tħalliet lilhom fit-testment mill-ġenituri tagħhom. Konsegwentement għandu jiġi applikat fil-każ ta' Miriam Micallef dak dispost mit-testaturi fis-Seba' Artikolu tat-testment tagħhom.»*

15. Il-konvenuta appellat kemm mid-deċiżjoni tas-17 ta' Novembru, 2022 (li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tagħha sabiex tiġġustifika l-kontumaċja); kif ukoll mis-sentenza finali tat-12 ta' Mejju, 2023, bi tliet aggravji permezz tar-rikors imressaq nhar it-12 ta' Ġunju, 2023.

[3] *Vide traskrizzjoni tax-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2022, a fol 59 et seq tal-proċess.*

16. L-atturi ressqu r-risposta tagħhom nhar is-6 ta' Lulju, 2023, u fiha taw ir-raġunijiet għala l-appell tal-konvenuta għandu jiġi miċħud.

17. Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Diċembru, 2024 b'riħet l-**Artikolu 207(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** dan l-appell ġie appuntat għas-smigħ għas-6 ta' Frar, 2025. Wara li nżammu tliet seduti, bl-aħħar waħda tkun fis-26 ta' Ġunju, 2025, il-każ tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Illi qabelxejn din il-Qorti jeħtieġilha tqis il-preġudizzjali ta' nullità tar-rikors tal-appell skont l-**Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li ġiet imressqa mill-atturi. Huma jsostnu li l-appell huwa konfuż u nieqes mill-kjarezza tant li lanqas mhu ċar x'inhuma l-aggravji kollha, b'mod li dan isarraf fi preġudizzju għad-difiża tagħhom.

19. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li għalkemm ir-rikors tal-appell seta' nkiteb ħafna aħjar, u l-aggravji u t-talbiet setgħu ġew ippreżentati b'mod aktar ċar, ma tqisx illi tali nuqqas jagħmel ir-rikors tal-appell wieħed null. L-**Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa ċar li biex nuqqas iġib in-nullità, in-nuqqas għandu jkun tali illi l-preġudizzju kkawżat lill-parti l-oħra ma jkunx jista' jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat (ara s-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fit-13 ta' Jannar, 2025 fl-ismijiet ***Roberta Borg v. Kevin Borg***). Jirriżulta li l-atturi wieġbu għal kull lanjanza li ressqet il-konvenuta u allura jidher

li huma fehmu sew x'inhuma l-aggravji tagħha, hekk kif fehmithom din il-Qorti. Jiġi b'hekk li l-atturi ma ġarrbu ebda preġudizzju u għaldaqstant din il-preġudizzjali mhux se tintlaqa'.

20. Imwarrba din il-preġudizzjali, ngħaddu għall-**<u>ewwel aggravju</u>** li huwa dirett kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li permezz tagħha ċaħdet it-talba tal-konvenuta sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. L-appellanti tgħid li dan kien każ ta' involontarjetà. Tisħaq li kienu ċirkostanzi li m'għażlithomx hi u tgħid li tixtieq tixhed biex tfisser x'ġara għaliex l-Ewwel Qorti ma tatix ċans, jew titlob li almenu r-rikors tal-appell jiġi appuntat għas-smigħ (kif ġara). Tgħid li ħadd f'sensih mhu se jittraskura u ma jweġibx.

21. Ir-raġuni li tat il-konvenuta, fir-rikors li ppreżentat quddiem l-Ewwel Qorti, kienet li hija ma fehmitx għall-ewwel l-importanza li taqra r-rikors maħluf sew u poġġietu għall-ġenb. Tgħid li f'dak iż-żmien kienet fi stat psikoloġiku ħażin minħabba trattament ħażin u sevizji li kkaġunawlha ħutha l-atturi, speċjalment wara l-mewt ta' ommhom meta keċċewha mill-appartament fejn kienet tgħix. Tissokta tgħid li wara xi ġimgħa jew ftit aktar iddeċidiet li taqra r-rikors u fehmet li ħutha qegħdin jippruvaw iċaħħduha minn ġid li ħallewlha l-ġenituri tagħha. Kien għalhekk li bdiet tipprova ssib avukat u ċemplet aktar minn darba l-Qorti biex tkellem lid-deputat u tgħidilha li trid tikkontesta, u jistgħux jgħinuha ssib avukat. Ma sabitx wens u ħadet nota tad-data. Meta marret għas-seduta sabet li s-seduta kienet saret xi jumejn qabel. Ftit ġranet qabel is-seduta kellmet lill-

avukat Dr Pace (li fil-mori tal-proċeduri ta' dan l-appell irrinunzja għall-patroċinju tagħha) u talbitu jgħinha u fissritlu s-sitwazzjoni tagħha.

22. L-Ewwel Qorti permezz tad-deċiżjoni tas-17 ta' Novembru, 2022 ċaħdet it-talba tal-konvenuta billi kkonkludiet li: *«r-raġunijiet indikati mill-konvenuta fir-rikors tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2022 ma jikkostitwixxux kawża ġusta sabiex titqies ġustifikata l-kontumaċja tal-konvenuta stante li ma rriżulta ebda impediment leġittimu indipendenti mill-volontà tal-istess konvenuta sabiex hija tippreżenta d-debita risposta ġuramentata entro t-terminu lilha prefiss u milli tidher quddiem din il-Qorti fid-data u ħin indikati fl-avviż tas-smigħ li bih hija ġiet debitament notifikata»* (paġni 411 u 412 tal-proċess).

23. Fuq ix-xaqliba l-oħra, waqt is-sottomissjonijiet finali quddiem din il-Qorti, din id-darba b'avukat differenti, intqal li l-konvenuta fissritlu li dak iż-żmien li rċeviet l-atti kien fi żmien li d-dinja kienet inħakmet mill-Covid u billi l-appellanti hija persuna li tibża' ħafna, il-karti ħalliethom fil-ġenb sabiex imut kull *virus* possibbli hekk kif kienu jgħidu l-awtoritajiet tas-saħħa. Mhux hekk biss, iżda li f'dawk iż-żminijiet hija lanqas kienet toħroġ mid-dar proprju minħabba din il-biża' kbira li kellha.

24. Il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qiegħed jintalab mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1959 fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Herada v. Salvu Attard***, il-bdil li sar fil-liġi

proċedurali fl-**Artikolu 158 bl-Att XXIV tas-sena 1995 li** jidher li jtenni din il-fehma u s-sentenza tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) deċiża fis-16 ta' Marzu, 2016 fl-ismijiet ***Ivan Gerald Zammit v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***).

25. L-istitut tal-kontumaċja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imħarrek li ma jsegwix ir-regoli tal-proċedura jistħoqqlu l-piena li ma jitħalliex iressaq provi. Minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-ġurisprudenza l-aktar reċenti tapplikaha b'mod restrittiv b'mod li fejn jirriżulta li n-nuqqas ma kienx att intenzjonat jew riżultat ta' negliġenza grassa, allura jista' jitqies li l-kontumaċja ġiet ġustifikata (ara ***Av. Dr. Tonio Fenech nomine. v. Interdrive Limited et*** - Appell Superjuri - 30 ta' Novembru, 2015 u ***Trident Developments Ltd et v. Joseph Cordina*** - Appell Superjuri - 5 ta' Marzu, 2020). Madankollu ġie mtenni li r-regoli u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponu ż-żmien għat-tressiq ta' atti ġudizzjarji jitqiesu ta' ordni pubbliku u huma maħsuba li jiżguraw it-tmexxija tajba tal-proċess ġudizzjarju u joqogħdu mal-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt (ara ***Alan Brincat Mummery v. Dorianne Brincat Mummery*** - Appell Superjuri - 13 ta' Marzu, 2024). F'sentenza reċenti mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar, 2025 fl-ismijiet ***Roberta Borg v. Kevin Borg*** ġie mtenni li ladarba l-liġi tagħti żmien biex titressaq il-kontestazzjoni ta' kawża notifikata kif imiss lill-parti mħarrka, it-tressiq ta' dak l-att wara għeluq iż-żmien preskritt iġib miegħu raġuni għat-tneħħija ta' dak l-att (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fis-6 ta' Mejju, 2025 fl-ismijiet ***Ta' Vella Company Limited v. Michael Zammit Holdings Limited et***).

26. Proprju f'din is-sentenza msemmija fl-ismijiet ***Ta' Vella Company Limited v. Michael Zammit Holdings Limited et***, il-Qorti tal-Appell irreferiet għas-sentenza ***Vittoria Cassar v. Carmelo Vassallo*** (**Vol XXIX.i.1581**) mogħtija fid-29 ta' Mejju, 1937 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mill-Imħallef William Harding fejn in materja ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin: (i) il-kontumacja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja; (ii) lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża; (iii) biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta; (iv) din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu; (v) l-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill volontà tal-kontumaċi; (vi) l-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa; (vii) dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, *"una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"*; u (viii) l-impossibbiltà li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikultà gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.

27. Il-Qorti tal-Appell sabet li kienet f'lokha l-osservazzjoni li kienet għamlet fis-sentenza ***Noel Calleja et v. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited*** mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2005, ċjoè:

> *«Dan magħdud, però, xorta waħda jibqa' mhux għalkollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix*

> *iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża mhuwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorità ġudizzjarja. Dik il-preżenza tal-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-* ***Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili****, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.»*

28. Imħaddem dan it-tagħlim għall-każ tagħna, din il-Qorti jidhrilha li r-raġunijiet li ressqet il-konvenuta biex tipprova ssaffi l-kontumaċja tagħha mhumiex fejjieda. Kienet l-għażla tagħha stess li twarrab fil-ġenb l-atti li hija ġiet notifikata bihom personalment. Imbagħad meta kienet komda qrat l-atti. Din hija proprju l-imġiba ta' non-kuranza li trid tiġi kkastigata. Inutli toqgħod tgħid x'kienu allegatament għaddewha minnu ħutha. Aktar u aktar messha ħadet ħsieb. Ma kien hemm l-ebda impediment leġittimu biex ma tippreżentax tweġiba fil-waqt. Hekk ukoll ir-raġuni li ssemmiet quddiem din il-Qorti, li ma ssemmietx quddiem l-Ewwel Qorti iżda li sejra tiġi kkunsidrata għaliex mhix xi eċċezzjoni ġdida iżda tidħol xorta waħda fid-difiża li kienet qiegħda tipprova tressaq il-konvenuta, ma hi raġuni valida xejn. Anke kieku kellha tiġi aċċettata, wara li għaddiet ġimgħa milli kienet notifikata bl-atti, kien għad fadal bosta jiem sakemm jagħlaq it-terminu għall-preżentata tar-risposta maħlufa. B'żieda ma' dan jingħad li jekk ma kinitx toħroġ mid-dar dak iż-żmien hija setgħet qabbdet lil xi ħadd biex jieħu ħsieb l-affarijiet tagħha u ma jintesiex ukoll li llum-il ġurnata hawn ħafna mezzi ta' komunikazzjoni biex wieħed jista' jinqeda faċilment.

29. Mhux hekk biss, jirriżulta li hija ġiet notifikata bir-rikors maħluf, bl-avviż għas-smigħ u bid-digriet fit-18 ta' April, 2022. Fis-seduti tad-19 ta' Mejju, 2022 u tal-24 ta' Ġunju, 2022 ma dehritx. Dehret imbagħad fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2022 u ressqet ir-rikors fit-18 ta' Ottubru, 2022 li lanqas biss almenu ħadet ġurament fuqu.

30. Fuq kollox, l-argumentazzjoni tagħha tkompli tixxejjen meta għalkemm fl-aħħar tal-kawża, fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2023 (paġna 449 tal-proċess) ngħatat il-jedd li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet sal-20 ta' Frar, 2023 lanqas din ma għamlet. Din hija turija ta' non-kuranza u negliġenza kbira. Fit-tieni aggravju (jiġi b'hekk li kien aktar opportun li *semmai* l-ilment jiġi inkluż ma' dan l-aggravju) jingħad mill-appellanti li la hi u lanqas l-avukat tagħha ma ġew notifikati jew mod ieħor avżati imqar b'telefown mid-deputat reġistratur li kien hemm dan il-provvediment. Din is-sottomissjoni hija tassew fiergħa. Il-kawża hija tal-parti u għalhekk jaqa' fuq spallejha li tieħu ħsieb li ssegwi l-kawża tagħha. B'żieda ma' dan, bil-miġja tas-sit elettroniku huwa aktar faċli għall-parti u/jew għall-avukat li jfittxu u jkunu jafu x'ġara quddiem il-Qorti billi l-verbal tas-seduta jkun aċċessibbli fuq is-sit.

31. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

32. Permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>**, l-appellanti, fi ftit kliem, issostni li minkejja li l-Ewwel Qorti saħqet li għandha tħares id-drittijiet tal-kontumaċi, madankollu ma wettqet ebda stħarriġ dwar il-fatti kollha. Ma fittxitx dak il-bilanċ li stqarret li

għandu jinżamm f'każ bħal dak tal-lum. Tgħid li l-Ewwel Qorti naqset sew milli tistħarreġ x'kienu eżatt il-ħtiġijiet tal-wirt li hija naqset minnhom, jekk kienx hemm provokazzjoni, kienx hemm argumenti jew kwistjonijiet. Tisħaq li l-Ewwel Qorti sabiex iżżomm tassew bilanċ kellha tagħmel il-parti tan-naħa tal-kontumaċi fil-ġbir tal-provi. Dan ma sarx, kemm hu hekk, la jirriżulta xi forma ta' eskussjoni jew kontroeżami mill-ġudikant fl-atti.

33. Tissokta tgħidu li kieku l-Ewwel Qorti wettqet dak li stqarret li kienet se tagħmel ma kinitx tħalli lill-atturi jgħidu li jridu, iħallu nofs l-istorja barra u taċċetta kulma jgħidu. B'hekk tisħaq li s-sentenza hija nieqsa minn fatti u provi suffiċjenti biex setgħet tilqa' t-talbiet attriċi. Skontha l-Ewwel Qorti kellha tibbumbardja lill-atturi bil-mistoqsijiet dwar l-operat tagħhom, x'kienu d-dokumenti jew kuntratti li rieduha tiffirma u għaliex ma kitbulhiex qabel ippreżentaw il-kawża.

34. L-appellanti tgħid li bid-deċiżjoni li permezz tiegħu ġie dikjarat li hija fi stat ta' kontumaċja aggravat is-sitwazzjoni għaliex b'hekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx issir taf biż-żewġ ittri uffiċjali li hija kienet bagħtet lil ħutha u li fil-fehma tagħha xprunawhom sabiex jiftħu l-proċeduri tal-lum. B'hekk l-appellanti talbet li titħalla tippreżenta dawn l-ittri uffiċjali f'dan l-istadju. Dawn l-ittri hija tgħid li fihom ħafna tweġibiet dwar dak li kienu qegħdin jagħmlu u jirrifjutaw li jwettqu l-atturi u r-raġuni vera għalfejn il-qsim tal-wirt ma ssoktax. B'żieda ma' dan tgħid li huma baqgħu ma kkonsenjawx il-legati mħollija lilha u tkompli b'litanija ta' mġiba fil-konfront tagħha minn ħutha. Tirreferi għal dak li skontha wassal għall-proċeduri

tal-lum u x'wassal għalhekk għar-reazzjoni naturali tagħha. Tinsisti li skont it-testaturi ħutha kellhom l-obbligi tagħhom li m'onorawx.

35. Dan l-aggravju huwa bla ebda sies legali. Il-Qorti qatt m'għandha tassumi r-rwol ta' parti jew oħra fl-ebda mument tal-kawża, aħseb u ara kemm tista' tagħmel kontroeżami hija ta' xhud biex issaffi lill-konvenut jew konvenuta mill-qagħda tagħha ta' kontumaċi. Li kieku kellu jseħħ dak li qiegħda tippretendi l-konvenuta tixxellef l-imparzjalità tal-ġudikant u l-miżien tkun qiegħda xxaqilbu lejn min kien negliġenti u wera disprezz lejn l-istess qorti.

36. Huwa minnu li l-Qorti għandha l-piż fuqha li tqis sewwa l-każ u tagħmel ħaqq, ma jfissirx iżda li l-Qorti għandha ġġib ruħha daqslikieku hija l-parti opposta, f'dan il-każ il-konvenuta. Huwa utli għalhekk inħarsu lejn l-artikoli fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jirregolaw il-mixi tal-kawża. Ibda biex, l-**Artikolu 561 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid li l-qorti tista' tistaqsi lill-parti li toffri prova l-oġġett ta' dik il-prova. Iżda l-artiklu ta' warajh jgħid li: *«Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.»* S'intendi ladarba l-konvenuta kienet u għadha f'qagħda ta' kontumaċja ma setgħet tressaq ebda provi.

37. L-appellanti saħqet li l-Ewwel Qorti messha għamlet kontroeżami lix-xhieda. Donnha nsiet li l-**Artikolu 579 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid ċar u tond li hi l-parti kuntrarja tista' tagħmel kontroeżami lix-xhud; u f'dan il-kontroeżami tista' tagħmel mistoqsijiet diretti jew suġġestivi.

Id-diċitura tal-liġi hija ċara u ma tħalli l-ebda lok għal interpretazzjoni b'mod ieħor. Hija l-parti kuntrarja li għandha l-jedd li tagħmel kontroeżami. Il-Qorti mhix il-parti kuntrarja.

38. B'żieda ma' dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-**Artikolu 582 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jaqra li, *«Il-qorti tista', f'kull waqt tal-eżami jew tal-kontroeżami, tagħmel lix-xhud dawk il-mistoqsijiet li jidhrilha meħtieġa jew spedjenti»* ma jistax jiġi interpretat jew jintuża biex parti li hija f'qagħda ta' kontumaċja jew parti li mhiex mgħejjuna minn avukat jew hija mgħejuna iżda mhux isiru l-mistoqsijiet pertinenti, li dik il-Qorti għandha tindaħal iżżejjed. It-tiftix għall-verità u t-tħaddim tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja huma għanijiet u prinċipji li l-Qorti trid iżżomm f'moħħha u quddiem għajnejha l-ħin kollu. Dan ma jistax ifisser iżda li hija għandha xxaqleb il-miżien favur parti. Huwa d-dmir u l-obbligu tal-partijiet fil-kawża li jmexxu l-kawżi tagħhom 'il quddiem huma.

39. Fuq kollox, minn ħarsa lejn l-atti ta' dawn il-proċeduri jirriżulta li l-Ewwel Qorti semgħet bosta xhieda mressqa, uħud minnhom rappreżentanti ta' banek lokali u istituzzjonijiet finanzjarji li ppreżentaw bosta dokumenti li huma prova tal-fatt li l-kontijiet tat-testaturi u l-investimenti li kellhom għadhom mhux maqsuma u għadhom miżmuma mill-istess banek u istituzzjonijiet. L-Ewwel Qorti għarblet il-provi li kellha fl-atti, u fil-fehma ta' din il-Qorti waslet għal deċiżjoni li rajonevolment setgħet tasal għaliha. Ma kellha l-ebda raġuni għalfejn

kellha twarrab ix-xhieda tal-atturi nfushom għaliex sabet li din ix-xhieda kienet ukoll korroborata mid-dokumentazzjoni.

40. L-appellanti ssemmi fir-rikors tal-appell tagħha dak li skontha għamlulha ħutha. Biss però, sottomissjonijiet ma joħolqux prova. Il-konvenuta kellha kull opportunità tressaq kontestazzjoni għall-azzjoni attriċi. Fejn il-partijiet jonqsu milli jagħmlu użu minn din l-istess opportunità, huma ċertament, kif wisq sewwa mtenni, «*ma jkunux jistgħu jilmentaw li ma jkunux ingħataw smigħ xieraq skont il-konvenzjoni u skont il-kostituzzjoni iżda setgħu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunità tagħhom skont ir-regoli proċedurali li jiggvernaw il-proċess*» (ara ***Joseph Grech v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru, 2000; ***Antonia Zammit nomine v. Denise Caruana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2021; u ***Univest Enterprises Ltd v. Josephine Mary mart Bernard Kilford*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2024).

41. Għaldaqstant kollu ta' xejn li tħambaq il-konvenuta. Din il-Qorti fliet l-atti mill-ġdid u bħall-Ewwel Qorti ssib li l-atturi rnexxielhom jippruvaw li l-konvenuta naqset milli toqgħod għax-xewqat tat-testaturi billi ma kkoperatx ma' ħutha waqt il-qsim u/jew bejgħ/trasferiment tal-proprjetà li tħalliet lilhom mill-ġenituri tagħhom.

42. Din il-Qorti qieset ukoll li filwaqt li t-testaturi fis-seba' u t-tmien artikolu tat-testment għamluha ċara li xtaqu li jkun hemm koperazzjoni u paċi bejn l-aħwa,

huma kienu konxji li l-konvenuta x'aktarx kienet se tonqos milli tikoopera. Kemm hu hekk, fis-seba' artikolu tal-istess testment huma ħasbu għal dan u riedu li jwiddbu lil min kien se jkun ta' xkiel. Tant antiċipaw li kienet se tkun il-konvenuta, li fuq naħa daħlu dispożizzjoni komminatorja fejn werriet li ma joqgħodx għax-xewqa tat-testaturi kien se jitlef kull dritt u benefiċċju mit-testment, ħlief li jieħu l-porzjon riżervat; fuq ix-xaqliba l-oħra, ħadu ħsieb li f'kull każ Miriam Micallef ma tkun tista' titlef qatt il-legat ta' użufrutt tad-dar tar-residenza tagħhom.

43. Għaldaqstant, il-konsegwenza ta' din l-imġiba min-naħa tal-konvenuta hija dik li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Klawsola komminanti mhix projbita mil-liġi jew meqjusa nulla mill-ġurisprudenza. Ċertament li tali klawsoli ma jistgħux jintużaw sabiex it-testaturi jew xi ħadd mill-eredi jevadu l-applikazzjoni tal-liġi. Kemm hu hekk, filwaqt li huwa minnu li t-testatur għandu libertà wiesgħa sabiex jiddisponi minn ġidu kif irid, iżda din il-libertà mhijiex mingħajr limiti u għandha tiġi eżerċitata fil-parametri tal-liġi. Klawsola komminatorja ma jista' qatt ikollha l-effett li tippreskludi l-eredi milli jimpunjaw il-validità ta' testment meta r-raġuni tal-impjunazzjoni tkun in-nullità minħabba difett fil-forma. Mhuwiex u m'għandux ikun permissibbli li testatur jeżimi ruħu mir-regoli dwar il-forma ta' testment bl-użu ta' klawsola komminatorja, għaliex l-applikabilità ta' dawn ir-regoli hija tassattiva u mhux fakoltattiva, u l-libertà tat-testatur hija limitata biss għal dak li jirrigwarda l-qasma ta' ġidu li ma jifformax parti mill-porzjoni riservata, u żgur li mhijiex intiża sabiex toħloq anarkija legali f'dak li jirrigwarda l-forma tat-testment (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet ***Odette Abela v. Josephine Cassar)***.

44. Għalkemm f'dan il-każ li għadha kif saret referenza għalih, ċjoè dak ta' ***Odette Abela v. Josephine Cassar***, il-klawsola komminanti kienet differenti minn dik tal-lum, għandu jitħaddem l-istess tagħlim. Il-Qorti fissret:

> *«L'hekk imsejħa klawżola komminatorja hija dispożizzjoni importanti fost id-dispożizzjonijiet testamentarji poenae nomine. Hija kundizzjoni li ma jiġix attakkat it-testment jew dispożizzjonijiet partikolari tiegħu, li permezz tagħha t-testatur jipprova jassikura r-rispett tar-rieda tiegħu u biex jevita t-tfaqqis ta' kawżi fost il-werrieta. Dan jagħmlu billi jhedded it-telf tal-vantaġġ patrimonjali jew jimponi xi sanzjoni oħra. Għalhekk dawn is-sanzjonijiet għandhom effett doppju. B'mod preventiv joħolqu pressjoni psikoloġika fuq il-benefiċċjarju biex iwettaq dak li jkun talab id-de cuius, u, fl-istess waqt, jekk il-benefiċjarju xorta ma jwettaqx ir-rieda tal-mejjet, għandhom funzjoni ripressiva u sanzjonarja.*
>
> *Id-disposizzjonijiet testamentarji taħt kundizzjoni huma regolati mill-**Kodiċi Ċivili**. Skont **Art. 710**, "Kull dispożizzjoni, b'titolu universali jew partikolari, tista' ssir mingħajr ebda kondizzjoni jew taħt kondizzjoni". Skont **Art. 711(1)**, "Il-kondizzjoni impossibbli, jew kuntrarja għal-liġi, jew għall-għemil xieraq tagħmel ma tiswiex id-dispożizzjoni li fiha tkun magħmula". Imbagħad **Art. 712** ipoġġi s-sanzjoni tan-nullità fuq il-kundizzjoni li l-benefiċjat m'għandux jiżżewweġ jew jerġa' jiżżewweg (salv xi eċċezzjonijiet) filwaqt li **Art. 713** jimponi l-istess sanzjoni fuq kondizzjoni li tipprojbixxi lill-werriet milli jinqeda bil-benefiċċju tal-inventarju. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fejn il-kondizzjoni ma titqiesx invalida mil-liġi, ir-rieda tat-testatur għandha tiġi rrispettata u mhux tinġieb fix-xejn permezz ta' argumenti aktarx ta' laqta skolastika – inkluża r-rieda tat-testatur li min jattakka t-testment iġorr il-konsegwenzi.»*

45. Jiġi b'hekk li dan it-tieni aggravju mhux fejjiedi u se jiġi miċħud.

46. L-**<u>aħħar aggravju</u>** huwa dwar il-kap tal-ispejjeż. L-appellanti tisħaq li huwa inġust li l-ispejjeż għandhom jinġarru kollha minnha minħabba r-raġunar tal-Qorti li qagħdet fuq smigħ ta' naħa waħda u mank tatha ċans jew tatha l-benefiċċju tad-dubju.

47. Dan l-aggravju jxaqleb lejn il-fieragħ. Kif diġà rajna, l-Ewwel Qorti ddeċidiet sew li l-konvenuta ma rnexxilhiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, u kif ukoll li ma nstab xejn ċensurabbli fit-tmexxija tal-kawża. Hawn mhux tant kwistjoni li persuna tingħata l-benefiċċju tad-dubju.

48. L-**Artikolu 223(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili** jipprovdi li f'kull sentenza definittiva l-Qorti għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż. Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bħala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt diffiċli biex jiġi determinat, jew għal xi raġuni tajba oħra (**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), li għandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-prinċipju (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et*** deċiża fit-13 ta' Lulju, 2020 u ***Grace Farrugia et v. Sun Aviation Limited et*** deċiża fis-26 ta' Jannar, 2018).

49. Il-konvenuta ħarġet telliefa f'dawn il-proċeduri. Jiġi b'hekk li l-ispejjeż għandhom jinġarru minnha kollha kemm huma.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti, qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-konvenuta Mary Anne *sive* Miriam Micallef u għalhekk tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb